MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 905/2000/1

Kawza fil-lista: 38

**Joseph u Maria Dolores konjugi Baldacchino**
**Vs**
**Saviour sive Sunny u Mary konjugi Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Billi l-atturi huma proprietarji tal-fond “St. Rita”, Isouard Street, San Pawl il-Bahar li hu sovrastanti ghal fond proprieta tal-konvenuti li jinsab 24, “Gesu Redentur”, Triq Isouard, San Pawl il-Bahar.

U billi l-konvenuti ghamlu zvilupp abusiv u illegali ta’ bini fil-proprieta’ taghhom fuq imsemmija fil-pjan terran u fl-ewwel sular, minghaj il-permessi relattivi tal-Awtorita tal-

Ippjanar kif ukoll invadew b'dan l-izvilupp fl-arja proprieta tal-atturi u dana kif jirrizulta ahjar mill-anness rapport peritali markat Dok. "JB," u b'hekk ippregudikaw irrimedjabilment id-drittijiet tal-atturi.

U billi l-konvenuti kkagunaw hsarat u danni ohrajn fil-fond tal-atturi fuq imsemmi fil-kors li kien qieghed isir dan l-izvilupp.

U billi l-konvenuti gew interpellati biex inehhu dan l-izvilupp illegali ta' bini u jersqu ghal likwidazzjoni u hlas tad-danni li sofrew l-atturi izda baqghu inadempjenti.

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-izvilupp tal-bini li sar fil-fond proprieta tal-konvenuti 24, "Gesu Redentur", Triq Isouard, San Pawl il-Bahar sar kontra l-ligi u sar ukoll minghajr il-permessi relattivi tal-Awtorita tal-Ippjanar.

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti nnehhu l-bini abusiv u illegali li sar fil-fond 24, "Gesu Redentur", Triq Isouard, San Pawl il-Bahar, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi u taht kull provediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

4. Tiddikjara lil konvenuti responsabbli ghad-danni kollha li sofrew l-atturi fil-fond proprieta taghhom "Saint Rita", Triq Isouard, San Pawl il-Bahar fil-kors tal-izvilupp illegali tal-bini li sar.

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess atturi ghar-ragunijiet fuq spjegati.

6. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati u dana taht kull provediment li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tat-3 ta' Dicembru 1999 u tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku l-Perit Valerio Schembri minnu debitament mahlufa;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi f' din il-kawza l-atturi, propretarji tal-fond "St.Rita" Triq Isourad, San Pawl il-Bahar, qed jallegaw li l-konvenuti propretarji tal-fond sottostanti ghamlu zvilupp ta' bini [1] li huwa kontra l-ligi u mhux kopert bil-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar; [2] li invada l-arja propretarja taghhom; u li [3] kkaguna hsara fil-fond taghhom.

Illi l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

[1] Illi l-izvilupp maghmul mill-konvenuti huwa kopert bil-permess numru GD 864/00 mahrug mill-Awtorita' tal-Ippjanar fis-6 ta' April 2000[1]; kif ukoll li l-konvenut "mexa fedelment mal-pjanti approvati fir-rigward tal-profil tal-bini propost." [Fol.97];

[2] "L-izvilupp li ghamel il-konvenut sar kollu fil-parti fejn qabel kienet tezisti bitha ta' l-istess konvenut u <u>bl-ebda mod dan l-imsemmi zvilupp ma nvada l-arja ta' l-atturi</u>." [Fol.98 – sottolinear tal-Qorti];

[3] Illi "s-settlement cracks" huma konnessi mas-serhan tal-bini u ghalkemm dawn seghtu "b' xi mod gew mghejjuna mix-xoghol li wettaq il-konvenut" – dan "<u>mhux probabbli</u>". [Fol.98 – sottolinear tal-Qorti];

[1] Filwaqt li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fil-11 ta' Mejju 2000

Illi dawn il-kostatazzjonijiet u konkluzjonijiet tal-perit tekniku ma humiex kontradetti minn provi ohra ta' natura teknika;  u din il-Qorti ma tarax li hemm raguni valida ghaliex ghandha tiddipartixxi minn dawn il-konkluzjonijiet.

Illi rigward it-talba ghal-dikjarazzjoni tar-responsabilita' tal-konvenuti ghad-danni, il-Qorti tosserva li din ma gietx sodisfacentement provata.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, taddotta fl-intier tieghu r-rapport tal-perit tekniku u tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------